**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 7 - IT-TLIETA L-1 TA' DIĊEMBRU 2009**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-7:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Victor Agius | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

**1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Il-laqgħa bdiet titmexxa mill-Viċi Sindku minħabba li s-Sindku ma kinitx għadha waslet.

1.2. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Sammut kien hemm qbil li f'para. 3.6 tinqata' l-kelma 'Issemma' u minflok tinbidel għal 'Il-Kunsillier Sammut semma'.

1.3. Fuq suġġeriment tal-Kunsilliera Miceli kien hemm qbil li l-kelma 'abbandunata' f'para. 1.4 tinbidel ma' 'mhux abitata'.

1.4. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Agius kien hemm qbil li jinqatgħu l-kliem 'kif kien qiegħed jiġi suġġerit mill-Arċipriet' mill-para. 2.2.

1.5. Wara l-minuti kienu approvati kif emendati u ffirmati mill-Viċi Sindku u mis-SE.

1.6. Hawnhekk waslet is-Sindku. Il-ħin kien it-8:00pm.

1.7. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius dwar para. 2.5, il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami infurmat li kienet qed tieħu ħsiebha hi mal-MEPA.

1.8. Dwar il-mistoqsija tal-Kunsillier Brincat dwar talba għal sinjal isfar quddiem Kooka Bar, il-Kunsill kien infurmat li skont il-guidelines tat-traffiku (marki u sinjali) dan ma setax isir.

**2. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU U RAPPORTI TAL-ĦIDMA MILL-KUNSILLIERI U L-AMMINISTRAZZJONI**

2.1. **Ikla għall-Anzjani:** Is-Sindku infurmat li nhar it-8 ta' Diċembru kienet se tinżamm ikla għall-anzjani tal-lokalità fis-sala tal-Oratorju kif sar is-sena l-oħra. Ġie infurmat li kienu bdew jitqassmu l-*flyers* dwar din l-attività sabiex kulħadd ikun infurmat fil-

ħin. Is-Sindku infurmat li hi kien irnexxielha ġġib l-ingredjenti kollha b'xejn mingħand sponsors differenti Naxxarin filwaqt li l-ikla nnifisha kienu se jieħdu ħsiebha l-*helpers* tal-Arċipriet.

2.2. Is-Sindku infurmat li għall-attività ir-Raħal fil-Milied kollox kien miexi sewwa u se jkun hemm Konferenza Stampa il-Ġimgħa 4 ta' Diċembru. Il-Kunsillier Agius talab sabiex is-Sindku jew il-Kunsillier Galea jelenkaw l-attivitajiet prinċipali li kienu se jittellgħu għal din l-attività nazzjonali. Huwa ġie infurmat li se jingħata rendikont ta' x'se jsir aktar tard fil-laqgħa.

2.3. Is-Sindku u l-Kunsillier Galea infurmaw li kien hemm il-ħsieb li għal Lejlet il-Milied ikun organizzat *Christmas Breakfast* bi ħlas fis-Sala tal-Kunsill iżda bħala dettalji f'dan l-istadju ma kienx hemm minħabba li għada fil-bidu. Is-SE informa li ma kienx possibli li jinvolvi l-amministrazzjoni f'attivitajiet oħra daqstant fil-viċin iżda s-Sindku u l-Kunsillier Galea ikkonfermaw li se jieħdu ħsieb kollox huma.

2.4. Il-Kunsilliera Miceli infurmat li kienet irċeviet *flyer* mingħajr kulur bħala propoganda għall-attività ta' 'Ir-Raħal fil-Milied'. Hija semmiet li kienet tippretendi li tirċievi xi ħaġa bil-kulur. Hawnhekk is-SE infurmaha li l-għan ewlieni ta' dak il-flyer kien li javża lir-residenti dwar l-ikla tal-anzjani u l-elezzjoni tal-Kunsill taż-Żgħażagħ. La darba kien hemm l-ispazju ħa l-opportunità jinkludi reklam għar-Raħal fil-Milied. Semma wkoll li kellu problema kbira ta' nuqqas ta' riżorsi u għaldaqstant ma kienx possibbli għall-amministrazzjoni li jilħqu jistampawh bil-kulur u infatt dak sar kollu *in house*.

2.5. Is-SE informa wkoll li d-dawl tal-Milied għal Triq tal-Labour li kien ġie ordnat miċ-Ċina kien fi triqtu lejn Malta u għaldaqstant dawn setgħu jitwaħħlu fil-ħin kif pjanat. Għada l-Erbgħa 2 ta' Diċembru kienu se jibdew jeħlu l-arbli fi Triq tal-Labour.

2.6. Fir-rigward ta' tisbiħ u dekorazzjonijiet tal-Milied, il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami ssuġeriet li titpoġġa siġra taċ-ċipress fil-ġnien fid-daħla ta' Triq tal-Labour kif ukoll siġar iżgħar fir-rawndebawts. Dawn biex jiżżejnu bid-dekorazzjonijiet tal-Milied. Il-Kunsill qabel.

2.7. **Ir-Raħal fil-Milied:** Il-Kunsillier Galea ta spjegazzjoni ta' x'kien se jsir nhar it-13 ta' Diċembru. Fost oħrajn, se jkun hemm 20 stall biex isir il-bejgħ ta' prodotti differenti – dawn se jkunu mgħottija bil-plastic minħabba l-eventwalità tax-xita; parati; korijiet; immudellar; presepji varji; ftuħ tal-*headquarters* tal-iscouts; se jsir bejgħ ta' pjanti fi Triq Zenqa u se jkun hemm ukoll *stand* ta' 34U; villaġġ ta' Santa Klaws fi Triq Santa Luċija; ftuħ tal-kappella ta' Santa Luċija li dakinhar tiċċelebra l-festa tagħha; dar taċ-ċikkulata (imsellfa minn Maypole ta' Ħal Qormi); se jiġi krejat presepju ħaj b'atturi ta' Ħal Tarxien fi Triq il-Kbira; wirja ta' karozzi antiki u anke makkinarju antik; kant minn 3 korijiet differenti; ftuħ tal-mużew tal-Knisja u ta' Palazzo Parisio għall-wiri; *kids area* ħdejn l-istatwa ta' San Ġużepp; bazaar fil-knisja; presepju fil-Kappella ta' San Ġakbru; u purċissjoni bil-Bambin mill-MUSEUM fost oħrajn.

2.8. Huwa semma li l-Kunsill kien involva lill-għaqdiet kollha tar-raħal, anke fil-quddiesa li kienet se tinżamm filgħodu. Is-Soċjetà Mużikali Vittorja kien silef żewġ palkijiet u kien se jtella' żewġ presepji għall-wiri kif ukoll se jarma mejda bl-ikel quddiem il-Każin; is-Soċjetà Mużikali Peace kienet se ttella' presepju għall-wiri; il-każin tal-PL kien se jarma tinda kbira b'affarijiet għall-bejgħ u l-Każin Nazzjonalista kien se jtella' wirja ta' presepji. Fil-bini tal-Kunsill ukoll se jkun hemm xi attrazzjonijiet fosthom induratur u wirja mill-Għaqda Presepji Maltin.

2.9. Fil-5:15pm għandha ssir il-mixgħela uffiċjali mis-Sindku. Se jkun hemm ukoll daqq miż-żewġ soċjetajiet mużikali tar-raħal.

2.10. Il-Kunsillier Galea informa li kienet saret laqgħa ma' rappreżentanti tal-ADT u tat-Trasport Pubbliku dwar l-għeluq neċessarju ta' ċertu toroq u kien hemm qbil ukoll li l-venda għandha tiġi rilokata għal Triq il-Parroċċa għall-ġurnata kollha.

2.11. Il-Kunsillier Galea informa li kienu ġew ordnati 40 flokk apposta sabiex jingħataw lill-ħaddiema u lill-*helpers*. Huwa informa li fir-rigward ta' media, huwa kien ġab artiklu fuq l-Orizzont u kien se jippubblika artiklu ieħor matul dik il-ġimgħa. Il-Kunsillier Bonello informa wkoll li kien ħa ħsieb il-konferenza stampa sabiex ikun hemm aktar għarfien dwar l-attività kif ukoll pjan b'numru konsiderevoli ta' riklami fuq il-gazzetti, radju u televiżjoni. Is-Sindku kienet se tagħmel intervent f'numru ta' programmi wkoll.

2.12. Dwar il-Konferenza Stampa il-Kunsill qabel li fuq il-mejda għandu jkun hemm is-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said, is-Sindku, il-Kunsillier Galea, is-SE u rappreżentant ta' Banif Bank. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Bonello kien hemm qbil li jingħata tifkira lill-ġurnalisti. F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel li jkunu ordnati mingħand One Blue Lemon.

2.13. Is-SE informa li dakinhar tal-attività kien se jitqassam fuljett bi pjanta ta' x'se jkun hemm għaddej. Inġabru numru ta' riklami għal dan il-fuljett li minnhom kienet se tiddaħħal is-somma ta' Eur2350.

2.14. Fuq talba tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li kif tgħaddi l-attività għandu jingħata rendikont tal-ispejjeż tal-attività.

2.15. **Rapporti oħra:** Il-Kunsillier Sammut informa li kienet ikkuntattjatu artista barranija li kemm-il darba nibgħatulha sinjal tat-traffiku ta' xi anzjani qed jaqsmu hi kienet se tibgħatilna biċċa arti. Il-Kunsill qabel li nibgħatulha waħda użata kemm-il darba ma nħallsux għall-pustaġġ. Il-Kunsillier Sammut informa li dawn qed jintbagħatu mill-Ambaxxata.

2.16. Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li gradwalment għandhom jinbidlu s-sinjali taż-*zebra crossings* u jsiru kollha bis-*solar panels* kif sar fi Triq San Pawl.

2.17. Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li jibda l-proċess għax-xiri ta' konok tal-fondut sabiex tingħata dehra isbaħ liż-żona ċentrali. Għalissa jinxtraw għaxra.

2.18. Il-Kunsillier Sammut informa li l-Università għandha skema biex studenti universitarji jagħmlu xogħol volontarju ta' madwar 20 siegħa. Għaldaqstant talab lis-SE sabiex jagħmel talba formali lill-Università sabiex minn Frar li ġej, studenti universitarji jkunu jistgħu japplikaw biex jagħmlu xogħol volontarju mal-Kunsill.

2.19. Kien hemm talba biex isir xi tip ta' dawl dekorattiv għall-Milied fiż-żona tal-Magħtab. Is-Sindku infurmat li l-Kunsillier Sammut diġà kien għamel xi tentattivi iżda ma kien għadu sar xejn min-naħa tal-WasteServ. Hija infurmat li kienet se tibqa' tipprova sabiex isir xi ħaġa.

2.20. Il-Kunsillier Sammut informa li kien ġie avviċinat minn xi residenti ta' Baħar iċ-Ċagħaq dwar l-ammont ta' ħaxix li hemm fil-pjazzetta. Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li s-SE għandu jibgħat jinforma lill-kumitat ta' BIĊ li hemm żewġ kunsilliera li huma responsabbli minn din iż-żona u li l-Kunsill qed jitlob li dawn jiġu infurmati kull darba li jkun hemm laqgħa bejniethom, bi stedina kull wieħed kemm-il darba jkunu jixtiequ jattendu.

2.21. Il-Kunsillier Sammut issuġġerixxa li jittella' ħajt li hemm bejn il-pjazzetta u Triq l-Arzella minħabba li huwa perikoluż. Kien hemm qbil li għandha ssir spezzjoni u kemm-il darba dan huwa minnu, il-ħajt għandu jittella'.

2.22. Fuq ilment li twassal għand il-Kunsillier Sammut kien hemm qbil li minħabba li qed jitwaddab ħafna ħmieġ mal-iskips, għandha tintbagħat ittra lir-residenti fejn ngħidulhom li kemm-il darba jkun hemm maġġoranza tar-residenti li ma jridux l-iskips, dawn jitneħħew.

2.23. Il-Kunsillier Sammut semma' t-talba ta' xi residenti għal tpoġġija ta' *hump* fi Triq ix-Xambekk. Huwa informa li fil-viċinanzi hemm MUSEUM. Dan l-ilment se jiġi investigat meta jkun hemm statistiċi ta' x'qiegħed jiġri eżatt.

2.24. Il-Kunsillier Sammut issuġġerixxa li titpoġġa *speed camera* fi Triq is-Salina minħabba li hemm *accident blackspot*. Is-SE talab li jingħata statistika dwar kemm saru inċidenti f'din iż-żona.

2.25. Is-SE talab lill-Kunsilliera biex minn issa 'l quddiem l-ilmenti tal-Kunsilliera għandhom jitwasslu lill-amministrazzjoni sabiex jiġu mniżżla fuq il-lista għad-diskussjoni mill-bord tal-ilmenti għaliex bil-mod kif kien qiegħed isir kien qiegħed jinħela wisq ħin tal-Kunsill.

2.26. Is-Sindku ssuġġeriet li jsir avviż fuq il-gazzetta tal-Kunsill sabiex jekk hawn xi għalliema pensjonanti li lesti jagħtu ftit ħin volontarjament fil-ġimgħa sabiex ikunu ta' għajnuna għal tfal li jkollhom xi diffikultajiet bl-istudji tagħhom, dawn jinfurmaw lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

2.27. Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Randolph Spiteri mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar ħmieġ madwar il-lokalità tan-Naxxar. Is-SE informa li ħafna mill-postijiet m'humiex fin-Naxxar u barra minn hekk uħud minnhom kienu ċnut imwaqqa'. Se nikkomunikaw lura mal-OPM u nitolbuh parir dwar il-kostruzzjoni taċ-ċnut.

2.28. Il-Kunsillier Sammut għadda ittra mingħand grupp ta' Naxxarin li jilgħabu l-Futsal u li talbu li jużaw il-grawnd tal-Kunsill għat-taħriġ tagħhom billi jħallsu madwar €200 fis-sena. Il-Kunsill ma qabilx ma' din it-talba u ssuġġerixxa li minflok titnaqqas il-miżata ta' Eur28 fis-siegħa bi ftit b'kuntratt b'bażi ta' sena.

2.29. Is-SE informa li l-Kunsill kien tilef il-kawża magħmula mis-Sinjuri Camilleri ta' Triq San Pawl u huwa u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kienu ġew mitluba jħallsu madwar Eur13,000 kull wieħed. Dan il-każ imur lura għal meta, qabel is-sena 2000, il-Kunsill ta' dak iż-żmien, kien għalaq parti minn gutter ftit il-fuq minn Villa Arrigo. Skont il-Kunsillier Agius dan il-*gutter* kien ingħalaq mill-Kunsill fi żmien is-Sindku preċedenti u kien iċċekken għaliex kien hemm ħafna lmenti mir-residenti dwar ħsejjes. Kien hemm qbil li, jekk hemm bażi, il-Kunsill għandu jappella din id-deċiżjoni.

## 3. ĦLAS TA' KONTIJIET U XIRI TA' OĠĠETTI/SERVIZZI

3.1. Il-lista ta' kontijiet pendenti ġiet meqjusa bħala approvata. Din hija annessa f'A.

3.2. **Websajt:** Is-SE għadda skeda dwar it-*tender* ta' kostruzzjoni ta' websajt għall-Kunsill. Il-Viċi Sindku ta spjegazzjoni tal-prezzijiet u dak li talab il-Kunsill. Kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux imur għall-akbar tnejn. Għaldaqstant ġie ffurmat sotto-kumitat magħmul mill-Viċi Sindku, il-Kunsillier Brincat u s-SE biex jiddiskutuhom.

3.3. **Fotografija:** Is-SE għadda l-iskeda tal-offerti tal-fotografija. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jiltaqa' mat-tlieta li huma. Is-sotto kumitat ikun l-istess bħal dak tal-websajt.

3.4. **Armar u tiżjin għall-Milied:** Is-SE informa li kienu nxtraw numru ta' bozoz u tiżjin ieħor dekorattiv għal żmien il-Milied. Il-Kunsill qabel.

3.5. **Siġġijiet tal-uffiċċju (swivel chairs):** Is-SE ippreżenta kwotazzjonijiet għal siġġijiet tal-uffiċċju minħabba li nkissru tnejn u żdiedu n-nies fl-uffiċċju. Kien hemm qbil li jinxtraw sa mhux aktar minn Eur180 'il wieħed.

3.6. **Attrezzar tal-uffiċċju:** Kien hemm qbil li minħabba li l-uffiċċju u ċ-Ċentru Ċiviku in ġenerali m'għadhomx jidhru daqstant akkoljenti, il-Kunsill għandu jibda jagħmel xi xogħlijiet ta' tisbiħ fihom. L-ewwel se jibda x-xogħol fuq is-sular t'isfel.

3.7. Hawn skuża ruħu l-Kunsillier Agius. Il-ħin kien l-10:20pm.

## 4. L-IMPJIEG TAL-ISKRIVANI

4.1. Is-SE informa li kienu ġew impjegati żewġ ħaddiema ġodda, is-Sur Roderick Debono u s-Sinjura Louise Mallia. Rapport tal-proċess kien għadda lil kull Kunsillier.

## 5. ĠIEĦ IN-NAXXAR

5.1. Is-SE informa li l-Kunsill kien irċieva 7 nomini, ħamsa minnhom għall-Patri Victor Xuereb. Kien hemm qbil li l-Ġieħ ta' din is-sena jingħata lill-Patri Xuereb.

5.2. Il-Kunsillier Galea ssuġġerixxa li l-Kunsill jikkunsidra li jibdew jingħataw xi unuri minuri liż-żgħażagħ biex ninkuraġġuhom ikabbru s-sens ċiviku tagħhom.

## 6. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

6.1. Minħabba li sar il-ħin, kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata fil-10.40pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tlieta 5 ta' Jannar 2010 fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Maria F. Deguara** *MD,MMCFD* | **Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |